MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 2281/1996/1

Citazzjoni Nru.  2281 / 96NC

Kawza fil-lista:  46

**John Azzopardi Vella**
**Vs**
**The Malta Development Fund Limited, u l-Malta Development Corporation**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi bejn is-snin 1986 u l-1994 l-esponenti ppresta s-servizzi professjonali tieghu lill-konvenuti biex setghet tigi ffurmata s-socjeta' konvenuta The Malta Development Fund Limited., li l-"objects clause" taghha huma intizi ghal

dak li huwa imsejjah "venture capital operation" (Dokument A);

Peress illi dawn is-servizzi professjonali kienu jinkludu xoghol promozzjonali u preparatorju, konsistenti f'kitba ta' artikoli u ittri fil-gurnali, attendenza ghal konferenzi, kuntatti ma' esperti barranin, kif ukoll xoghol ta' pariri u konsulenza, u organizzazzjoni ta' laqghat mal-konvenuti u terzi persuni;

Peress illi ma kienx possibbli illi s-socjeta' The Malta Development Fund Limited tigi furmata li kieku ma kienx ghal dan ix-xoghol preparatorju u promozzjonali li ghamel l-esponenti, u dan ghaliex il-kuncett ta' venture capital operation kien wiehed totalment gdid ghal Malta;

Peress illi fil-fatt l-esponenti kien espressament gie mqabbad mill-Malta Development Corporation biex ilaqqgha flimkien investituri prospettivi ghas-socjeta' fuq imsemmija;

Peress illi c-Chairman tal-Malta Development Corporation hallas lill-esponenti elf Lira Maltin (Lm1,000) on account tas-servizzi tieghu, izda l-esponenti qatt ma thallas il-bilanc ta'l-ammont dovut lilu ghas-servizzi tieghu;

Peress illi in oltre in konsegwenza ta' dan ix-xoghol tieghu, l-esponenti sofra danni konsistenti f'telf ta' promozzjoni fil-karriera tieghu fis-servizz pubbliku;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur ghandu dritt ghall-kumpens ghas-servizzi u x-xoghol kollu li huwa ppresta biex setghet tigi ffurmata s-socjeta' The Malta Development Fund Limited;

2. Tillikwida l-ammont ta' kumpens hekk dovut lilu ghas-servizzi u xoghol tieghu, okkorrendo bl-ghajnuna ta' perit nominat;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur il-kumpens hekk likwidat flimkien ma' l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Malta Development Fund Limited li biha eccepiet:

Illi t-talbiet tal-attur fil-konfront taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' eccipjenti qatt ma nkarigat lill-istess attur sabiex jippresta servizzi professjonali jew ta' xorta ohra bil-ghan li tigi ffurmata l-istess socjeta' eccipjenti.

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tas-socjeta' konvenuta Malta Development Corporation li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma ppresta l-ebda servizzi lill-korporazzjoni konvenuta biex setghet tigi ffurmata s-socjeta' The Malta Development Fund Limited. Il-konvenut bl-ebda mod ma kien involut fid-decizjoni li jitwaqqaf dan il-"venture capital fund" f'Malta jew fit-trattattivi li saru biex il-Hambros European Ventures Limited jigu mahtura bhala Fund Managers tal-Malta Development Fund Limited.

2. Illi ad inizjattiva tieghu, l-attur kiteb rapport dwar il-kuncett ta' 'venture capital' u baghat kopja ta' dan ir-rapport lil Malta Development Corporation. Il-Malta Development Corporation qatt ma talbet ghas-servizzi tal-attur hlief li kienet awtorizzatu jiehu sehem f'laqgha ta' darba f'laqgha ma' negozjanti Maltin li urew interess fil-"venture capital fund". Illi fi kwalsiasi kaz il-Malta Development Corporation kienet effettwat pagament ta' Lm1,000 lill-attur ex-gratia u ghas-saldu ta' kull pretensjoni li seta' kellu.
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit gudizzjarju l-Avukat Dottor Peter Fenech, minnu debitament mahluf;[1]
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-partijiet bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta'dawn il-proceduri l-attur qed jitlob minghand is-socjetajiet konvenuti kumpens ulterjuri, ghal dak ta' Lm1,000 gia lilu mhallas mill-Malta Development Corporation [MDC], rappresentanti servizzi professjonali, prestati minnu bejn is-snin 1986 u 1994, li jnkludu xoghol promozzjonali u preparatorju, konsistenti f' kitba ta' artikoli u ittri fil-gurnali, attendenza ghal konferenzi, kuntatti ma' esperti barranin, kif ukoll xoghol ta' pariri u konsulenza u organizzazzjoni ta' laqghat mal-konvenuti u terzi persuni. L-attur ippremetta wkoll li in konsegwenza ta' dan ix-xoghol huwa sofra danni konsistenti f' telf ta' promozzjoni fil-karriera tieghu fis-servizz pubbliku.

Illi s-socjeta' l-konvenuta Malta Development Fund Limited [MDF] qed topponi ghal din it-talba bil-fatt minnha allegat li hi qatt ma kienet inkarigat lill-attur sabiex jippresta servizzi professjonali jew ta' xorta ohra bil-ghan li tigi ffurmata l-kumpanija.

Il-konvenuta MDC minn naha taghha qed topponi ghal pretensjoni attrici bl-asserzjoni li l-attur ma ppresta ebda servizzi lilha biex setghet tigi ffurmata s-socjeta' MDF. Inoltre, kienet fuq inizjattiva ta' l-istess attur li dana kiteb rapport dwar il-kuncett ta' joint venture capital u baghat kopja tieghu lil MDC. "Fi kwalsiasi kaz il-Malta Development Corporation kienet effetwat pagament ta' Lm1,000 lill-attur ex gratia u ghas-saldu ta' kull pretensjoni li seta' kellu."[2]

Illi l-perit gudizzjarju wara analizi tal-provi wasal ghall-konkluzjoni li [1] il-MDF ma setghetx tinzamm responsabbli ghal xi servizzi prestati mill-attur, stante li dina f' dak iz-zmien ma kienitx ghadha ffurmata u

[1] Fol.244 *et seq.*
[2] Nota eccezzjonijiet – fol.61

ghalhekk ma kienx hemm, u ma setax kien hemm, rapport guridiku bejnha u bejn l-attur; inoltre [2] li l-ammont ta' Lm1,000 kien thallas lill-attur bi ftehim u ghas-saldu, u ghalhekk mhijex legalment valida t-talba attrici ghal hlas ta' kumpens ulterjuri; u finalment [3] "ma ngabitx prova sodisfacenti li dan l-ammont kien anqas minn dak li haqqu l-attur."

Biex jirribatti dawn il-konkluzjonijiet l-atturipprezenta nota ta' kritika kontenenti osservazzjonijiet ta' natura fattwali, kif ukoll guridici relatati mal-prinicpji li jirregolaw il-kwazi kuntratti, il-prezunzjoni tan-non gratuwita tas-servigi, kif ukoll il-principju ekwitattiv ta' "omnia labor optat premium". A skans ta' repititzzjoni inutili l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet guridici esposti mill-attur fin-nota tieghu.

Illi fis-sustanza mill-provi akkwiziti jiddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti.

L-attur, ekonomista fis-servizz civili, spjega li fis-sena 1986 huwa beda jahdem fuq iniziattiva tieghu privata biex ilaqqa industrijalisti u kapitalisti Maltin u kiteb ittri dwar il-kuncett ta' venture capital sabiex "nipprova inrawwem dan il-kuncett fl-imhuh tan-nies koncernati bhala funzjoni edukattiva."[3] Rizultat ta' din il-hidma tieghu, bejn is-sena 1989 u 1990, huwa kien gie nominat konsulent mal-allura Mid Med Bank, u sentejn wara, fis-sena 1992 huwa kien irrotrna lura fl-impieg precedenti tieghu mad-dipartiment tat-Tezor.

Fl-istess sena huwa kiteb artikolu fis-Sunday Times bir-rizultat li kien baghat ghalih il-Professur Joseph Banister, allura Chairman tal-MDC, u dana kien urieh l-interess tieghu fil-kuncett tal-venture capital u fuq talba tieghu l- l-attur, fil-hin liberu tieghu, kien ghamel xoghol f' dan ir-rigward. Dan kien fis-sena 1992.

Minn naha tieghu Joseph Banister spjega li fis-sena 1992 l-MDC kienet inkarigat lil Barry Mason biex jaghmel

[3] Dep. Fol.279

rapport dwar kif din il-Korporazzjoni seghet tikkrea venture fund, u fis-sena 1993 bdew isiru l-laqghat b' dan il-ghan. Minn negozjati rrizulta li l-ahjar kondizzjonijiet kienu ta' Hamros European Ventures, u ghalhekk gie iffirmat ftehim ma' Gilbert Chalk ghan-nom tal-istess socjeta'. Sussegwentement, gie identifikat l-attur "biex jghin biex jigu nvestituri fil-fund."[4] Ix-xhud jghid li, wara li huwa kien kellem lill-attur u staqsieh x' ried ghas-sehem u l-involviment tieghu "anke minhabba li kien tani rapport , miktub bl-idejn fuq "potential investors" huma ftehmu fuq l-ammont ta' Lm1,000 li kien gie approvat mill-Bord. Ix-xhud jghid ukoll: "Jiena jidhrili li tax-xoghol kollu li sar il-Bord kien approva a second payment."[5] Izda dan l-aspett tal-prova ma giex kultivat ulterjorment.

Sussewentement fis-26 ta' Ottubru 1994 giet registrata s-socjeta' konvenuta The Malta Development Fund Limited; u l-attur qed jitlob li jigi "kumpensat ghal promotion ta' l-idea kif ukoll ghal-konsulenza."[6]

Ta relevanza partikolari huma d-dokument markati bl-ittra B u C esebiti mill-attur. L-ewwel dokument huwa dikjarazzjoni mhux datata ffirmata mill-istess Joseph Banister li taqra hekk: "this is to confirm that Mr.Joseph Azzopardi Vella was instrumental in helping me during my chairmanship of the Malta Development Corporation to arrange for the setting up of meetings with Maltese financiers for the establishement of the Malta Development Fund."[7]

It-tieni dokument huwa l-ittra datata 25 ta' Novembru 1993 mibghuta minn Dr.Michael Xuereb ufficjal tal-MDC lill-Accountant Generali, fejn *inter alia* dan qal li l-attur "has been assisting the Corporation for the past year in the setting up of a venture fund to assist Maltese Industry. In our view it would beneficial to the employee and even more to the proper future management of the Fund.[8]

[4] Fol.293
[5] Ibid.
[6] Fol.290
[7] Fol.434 – sottolinear ta' din il-Qorti
[8] Fol.435

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi in tema legali jigi osservat li l-principju guridiku li jifforma s-substrat ghad-determinazzjoni tal-vertenza in disamina huwa *"omnia labor optat premium"* kunsidrat fid-dawl tal-ftehim ezistenti bejn il-partijiet rigwardanti l-inkarigu moghti lill-attur, u anki x-xoghol prestat minn dan in esekuzzjoni tal-inkarigu tieghu.

Fil-meritu jigi osservat li mill-provi jirrizulta ampjament li s-socjeta' konvenuta MDC, tramite c-chairman Professur Joseph Banister, kienet tat inkarigu specifiku lill-attur sabiex dan jghin biex jigu investituri fil-fund. Kif jirriuzlta miz-zewg dokumenti fuq riferiti, ix-xoghol tal-attur kien in sostanza jikkonsisti f' organizzazzjoni ta' laqat ma' imprendituri lokali, u pariri u nformazzjoni mghotija minnu lill-imsemmi Professur Baniseter dwar il-venture fund. F' dan is-sens huwa kien qed jaghmel xoghol biex jassisti l-imsemmija Korporazzjoni. Ghaldaqstant it-tezi tal-konvenuta MDC li l-pagament effettwat minnha kien ex gratia, hija insostenibbli fattwalment u legalment: fattwalment ghax jirrizulta provat li l-attur kien fil-fatt inghata inkarigu mill-MDC, u legalment ghax hija massima bazilari li *omnia labor optat premium*.

Illi dwar l-aspett tal-kumpens, li jinkorpora fih ix-xoghol li l-attur qed jallega li ppresta lill-konvenuti, jezisti kuntrast bejn dak allegat u pretiz mill-attur, u dak sostnut mill-konvenuti. In propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:-

[1] Illi in vena legali jigi osservat li f' materja ta' prova jinsab ritenut fil-gurisprudenza li huwa principju assodat li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. [App.Inf.Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et deciza fit- 22 ta' Novembru 2002];*

[2] Illi l l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u il-volonta' tal-kontraenti <u>kif espressa fil-konvenzjoni</u> ghandha tipprevali u trid tigi osservata, in bazi ghal-principju *"Pacta sunt servanda." [App.Civ. Gloria Beacom*

*et vs L-Arkitett Anthony Spiteri Staines deciza 5 ta' Ottubru 1998].* Il-konvenzjoni torbot fit-termini taghha u ghandha s-sahha ta' ligi bejn il-partijiet. Konsegwentement mhux lecitu li wahda mill-partijiet tittanta tohrog mill-parametri tal-ftehim billi tinvoka r-regoli applikabbli ghall-istitut tal-kwazi kuntratti kontemplat fl-Artikolu 1012 tal-Kodici Civili fuq haga koperta bil-konvenzjoni.

[3] Fil-meritu il-Qorti tosserva li, ghalkemm mhuwiex kontestat li l-attur ghamel xoghol lis-socjeta' MDC u li kien thallas bhala korrispettiv is-somma ta' Lm1000, hemm dizgwid serju bejn il-partijiet dwar jekk dan il-kumpens kienx ikopri x-xoghol kollu maghmul mill-attur. Konformament, filwaqt li l-attur isostni li din is-somma kienet tirrapprezenta akkont ta' dak li hu dovut lilu ghas-servizz prestat minnu, it-tezi konvenuta, sopportata mix-xhieda ta' Joseph Banister, hija fis-sens li dan l-ammont thallas lill-attur wara ftehim bejniethom in propositu, u wara li Baniser kien ottjena l-approvazzjoni tal-Bord.

Dwar dan l-aspett, il-Qorti, wara ezami tal-provi rilevanti in materja hija tal-fehma li ghandha taghti affidament ghal versjoni moghtija mill-imsemmi Joseph Baniser, fis-sens li l-ammont ta' Lm1,000 kien kumpens konkordat rapprezentati korrispettiv "ghas-sehem/involviment" ta' l-attur. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq il-principju procedurali f' materja ta' prova fuq indikat. Id-dubju f' dan il-kaz ghandu jiffavorixxi lill-konvenuti u mhux lill-attur li fuqu jinkombi l-oneru tal-fatti minnu premessi fl-att tac-citazzjoni.

Huwa minnu li l-Professur Joseph Baniser jghid li "jidhrili" li l-Bord kien approva "a second payment.", izda kif fuq rilevat, din il-parti tax-xhieda ma gietx kultivata mill-attur, u l-Qorti in mankanza ta' provi sodisfacenti fir-rigward ma tistax taccetta din l-asserzjoni espressa f' termini vagi u incerti bhala fatt provat. Inoltre, l-ittra datata 19 ta' Dicembru 1995 mibghuta minn Anthony Diacono, f' dak iz-zmien Chairman tal-MDC, timmilita serjament kontra dan. F' din l-ittra, hemm konfermat li "as per board meeting

held on the 2nd of March 1944 the MDC has paid you in full for your services."[9]

[4] Illi dwar l-aspett tal-quantum tal-kumpens, apparti mill-fatt provat li l-ammont kien konkordat bejn il-partijiet, hija floka l-osservazzjoni li ghandu jirrizulta car li l-ammont tal-kumpens ghas-servigi ghandu jirrifletti, u huwa limitata, ghall-prestazzjonijiet maghumla mill-attur fl-ambitu ta' l-inkariku tieghu, inkluz il-fattur taz-zmien. Dan qed jigi senjalat ghax kif jirrizulta mill-att tac-citazzjoni l-pretensjoni ta' l-attur tespandi fuq medda ta' circa disa snin u cioe' mis-sena 1986, meta mix-xhieda tieghu stess l-attur jghid li l-ewwel kuntatt li kellu mal-Professur Joseph Banister kien wara li kienet giet termainata l-kariga tieghu ta' konsulent mal-Mid Med Bank fis-sena 1992. Il-Professur Banister minn naha tieghu kien izjed specifiku u qal li kien fis-sena 1993, wara li kienu diga' intaghzlu Hambros, li kien giet identifikat l-attur u li kien baghat ghalih.

Il-Qorti tosserva li hija manifestament invalida legalment il-pretensjoni attrici li dan ghandhu jithallas tas-servigi prestati minnu qabel ma kien gie avvicinat mill-imsemmi Professur Banister, liema perijodu jinkludi wkoll s-sentejn li huwa kien ghamel konsulent mal-Mid Med Bank u li presumibilment kien qed jircevi id-debitu korrispettiv ghas-servizzi rezi minnu lil dan il-bank. Ix-xoghol li kien ghamel l-attur qabel ma dan kien gie inkarigat mill-MDC, kemm jekk sar fuq inizjattiva tieghu "bhala funzjoni edukattiva" kemm jekk sar fuq inkarigu u a beneficju tal-Mid-Med Bank, huwa res inter alios acta ghall-konvenuti u jesorbita mir-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn l-konvenuta MDC u l-attur. Jista' dato ma non concesso jigi argumentat li l-kumpens ta' Lm1,000 fil-fatt ma jkoprix ix-xoghol kollu maghmul fuq inkarigu u a beneficju tal-konvenuta MDC, izda l-pretensjoni attrici ma tista qatt tkun valida in kwantu diretta ghax-xoghol, anke ta' promozzjoni, maghmula minnu qabel l-inkarigu moghti minn din il-konvenuta.

[9] Dok.D – fol.436

Fil-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, it-tezi attrici li l-ammont ta’ Lm1,000 mhallas lilu bhala kumpens mill-MDC fir-realta’ ma jirriflettix ix-xoghol kollu minnu maghmul, u huwa rragjonevoli, tiddghajjef serjament jekk wiehed jikkonsidera li ix-xoghol maghmul mill-attur u li ghalih kellu dritt ghall-kumpens huwa ko estensiv u huwa limitat ghall-perijodu li jestendi bejn 1992 jew 1993 sas-26 ta’ Ottubru 1994 meta fil-fatt giet registrata s-socjeta’ MDF.
Il-Qorti tosserva li fid-diskussjoni li l-attur kellu ma’ Joseph Banister rigward ir-remunerazzjoni tieghu, ma kien hemm xejn josta li l-attur jesponi f’ termini cari u univoci l-pretensjoni tieghu ghal-hlas tax-xoghol kollu maghmul minnu u li jirrisali ghas-sena 1986. In mankanza ta’ dan, u in mankanza ta’ ftehim espress f’ dan ir-rigward, mhux lecitu li l-attur jitlob kumpens ghal xoghol li sar qabel l-inkarigu tieghu mal-MDC, u meta l-quantum tar-remunerazzjoni tieghu kienet konkordata.

[5] Illi fl-att tac-citazzjoni l-attur ippremetta “illi ma kienx possibbli li s-socjeta’ The Malta Development Fund Limited tigi ffurmata li kienu ma kienx ghal dan ix-xoghol preparatroju u promozzjonali [maghmul minnu].”[10] Fi kliem iehor l-attur qed jasserixxi li xoghol tieghu kien <u>indispensabbli</u> ghall-formazzjoni tas-socjeta’. Jista’ jinghad li din il-premessa ta’ fatt tappartjeni ghan-nukleju tal-kontestazzjoni attrici.

Il-Qorti tosserva li din l-asserzjoni mhijiex sostnuta mill-provi, anzi tinsab serjament mdaghajfa kemm mix-xhieda tal-Avukat Dottor Joseph J. Vella[11] kif ukoll mill-Awditur tal-kumpanija John Bonello[12].

Fid-deposizzjonijiet tieghu l-Avukat Dottor Joseph Vella, Direttur tas-socjeta’ MDF, jghid li huwa kien involut fil-formazzjoni tal-kumpanija sentejn qabel ma twaqqfet fis-26 ta’ Ottubru 1994. Jghid li “kont prezenti ghal sensiela twila ta’ laqghat ma dawn l-awtoritajiet [Hambros] kif ukoll ma enti[tajiet] ohra governattivi dwar it-twaqqif tal-fund. F’ dawn id-diskussjonijiet kull meta kont prezenti jien, l-attur

[10] Tielet premessa
[11] Dep. – fols.305 -306, u fol.322
[12] Dep. – fol.325

qatt ma ha parti , u lanqas qatt ma ssemma. Is-suggett l-aktar li kien introdott kien minn Jeremy Hand, li dak iz-zmien kien jahdem ma Hambros, u l-Professur Joseph Bannister MDC"

Huwa jghid li kien hemm okkazzjoni, "wara snin li l-fund kien kreat" li l-attur kien talbu kumpens "talli kien gab il-barranin and put it all together", izda wara li ix-xhud ikkomunika ma' Jeremy Hand, dana informah li ma kienx minnu.[13] F' depozizzjoni ohra, ix-xhud jghid li huwa fittex ghal xi referenza ghall-attur fid-dokumenti li kienu jirrigwardaw it-twaqqif tal-MDF, ghal dak li ghandu x' jaqsam Hambros Bank u "ma sibt l-ebda riferenza ghall-attur. Nikkonferma li kont involut ma' Hambros fi stat bikri tat-twaqqif tas-socjeta' u ma nafx li kien hemm xi talba [mill]-attur diment li kont involut jien."[14]

L-Awditur John Bonello jghid li "kollox kien f' idejn Jeremy Hand biss" ukoll kien involut l-Avukat JJ Vella kemm meta kif ukoll qabel ma twaqqfet il-kumpanija. "Ma niftakarx li kien hemm aktar nies involuti li taw sehem sabiex giet imwaqqfa l-Malta Development Fund. L-attur jien qatt ma tkellimit mieghu fuq dan il-meritu. Hadd ma semmhieli sa fejn niftakar jien lill-attur fl-ebda diskussjoni li jiena kelli dwar dan il-fund."[15]

In propositu ghal din il-parti tal-pretensjoni attrici, hija rilevanti dik il-parti tax-xhieda tal-Professur Joseph Banister fejn dan jghid li l-attur kien gie indentifikat u mghata l-inkariku tieghu, wara li kien diga' ffirmat l-ftehim ma' Hambros [16] u li r-rwol tal-attur kien limitat li jressaq l-investituri sabiex ipoggu l-flus fil-fund.

Illi din il-Qorti tenut kont tal-provi mressqa hija tal-fehma li l-attur ma rnexxielux jipprova l-fatt kontenut fil-premessa fuq citata. Huwa minnu li kien ghamel xi xoghol fuq inkarigu u fl-intestess tas-socejta' konvenuta MDC u li ta' dan kien thallas kumpens konkordat, izda zgur ma giex provat sodisfacentement li "ma kienx possibbli li s-socjeta'

[13] Dep. – fol.305
[14] Dep. – fol.322
[15] Dep. – fol.325
[16] Dep. – fol.293

the Malta Development Fund Limited tigi ffurmata li kieku ma kienx" ghax-xoghol maghmul minnu. Naturalment l-attur ghandu kull dritt jivvaluta x-xoghol tieghu bil-mizura tieghu stess, izda sabiex jirnexxi fl-azzjoni tieghu huwa jehtieg li jipprova sodisfacentement li x-xoghol maghmul minnu, kkunsidrat oggettivament u ragjonevolment, jinkwadra f' din it-tielet premessa kontenuta fl-att tac-citazzjoni.

Il-Qorti tosserva li f' dan l-aspett it-tesi attrici tfalli kemm bil-fatt negattiv tal-mankanza ta' xhieda adegwata f' dan ir-rigward, kif ukoll bil-fatt pozittiv konsistenti fid-depozizzjonijiet taz-xhieda fuq indikati. Ghaldaqstant, filwaqt li jirrizulta provat li l-attur kellu inkarigu mis-socjeta' MDC kif fuq indikat, l-estensjoni ta' dawn tieghu tidher li kienet limitata ghall-pariri u informazzjoni li huwa kien ta lill-imsemmi Professur Joseph Banister, kif ukoll ghall-organizzazzjoni ta' laqghat lokali, u partecipazzjoni f' konferenza barra minn Malta. Ghal dawn is-servizzi huwa thallas id-dovut kumpens.

Illi rigward l-premessa fl-att tac-citazzjoni fis-sens li konsegwenza tax-xoghol maghmul mill-attur dana sofra danni konsistenti f' telf ta' promozzjoni fil-karriera tieghu fis-servizz pubbliku, il-Qorti tirrileva [1] illi l-fatt li l-attur mis-sena 1986 kif minnu allegat beda jahdem fuq dan il-kuncett ekonomiku, bi skop edukattiv kienet ghazla tieghu u xejn aktar; inoltre, [2] minn imkien ma rrizulta provat li minhabba din l-attivita' huwa sofra xi telf fis-servizz pubbliku, anzi l-provi juru li bejn is-sens 1990 u 1992 huwa accetta l-karika ta' konsulent mal-Mid Med Bank u kien gie ghalhekk misluf mit-Tezor.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfacentement il-premessi kontenuti fl-att tac-citazzjoni u li fuqhom huma bazati t-talbiet tieghu li ghalhekk ma jimmeritawx li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------